

Brussell, 19 ta' Marzu 2026  
(OR. en)

7538/26

ENV 261  
CLIMA 152  
ENER 144  
IND 200  
TRANS 168  
ENT 54  
SAN 172  
DELECT 55

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 19 ta' Marzu 2026

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

---

Nru dok. Cion: COM(2026) 126 final

---

Suġġett: RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL  
dwar l-eżerċizzju tas-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont id-Direttiva (UE) Nru 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 126 final.

---

Mehmuż: COM(2026) 126 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 19.3.2026  
COM(2026) 126 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**dwar l-eżerċizzju tas-setgħa ta' adożzjoni ta' atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont id-Direttiva (UE) Nru 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE**

## 1. Introduzzjoni

Id-Direttiva (UE) 2016/2284 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi (id-Direttiva) hija wieħed mill-istrumenti leġiżlattivi li jikkontribwixxu għall-kisba tal-oġġettivi tal-kwalità tal-arja stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u l-progress lejn l-oġġettiv fit-tul tal-Unjoni li tikseb livelli ta' kwalità tal-arja f'konformità mal-linji gwida dwar il-kwalità tal-arja tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. Id-Direttiva tappoġġa wkoll l-oġġettivi tal-bijodiversità u tal-ekosistema tal-Unjoni u tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-oġġettivi tat-tniġġis tal-arja stabbiliti mill-pjan ta' azzjoni ta' tniġġis żero<sup>(1)</sup>.

Din id-Direttiva tistabbilixxi impenji nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għal kull Stat Membru tal-UE għall-perjodu mill-2020 sal-2029 u oħrajn aktar ambizzjużi mill-2030 'l hinn. Hija tiffoka fuq ħames inkwinanti responsabbli għal impatti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent: id-diossidu tal-kubrit (SO<sub>2</sub>), l-ossidi tan-nitroġenu (NO<sub>x</sub>), il-komposti organiċi volatili mhux metaniċi (NMVOC), l-ammonijaka (NH<sub>3</sub>) u l-materja partikolata fina (PM<sub>2.5</sub>). L-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2020 sal-2029 jittrasponu l-obbligi tal-Istati Membri skont il-Protokoll rivedut ta' Gothenburg<sup>(2)</sup> għall-Konvenzjoni tal-UNECE dwar it-Tniġġis Transkonfinali tal-Arja fuq Distanza Twila (il-Konvenzjoni dwar l-Arja)<sup>(3)</sup>, li l-Istati Membri tal-UE u l-UE huma partijiet fiha.

Id-Direttiva tistabbilixxi wkoll rekwiżiti ta' monitoraġġ u rapportar għall-emissjonijiet nazzjonali tas-sustanzi niġġiesa msemmija hawn fuq kif ukoll ta' sustanzi niġġiesa oħra, li għandhom jiġu mmonitorjati u rrapportati wkoll skont il-protokoll rispettivi għall-Konvenzjoni dwar l-Arja. Dawn l-emissjonijiet iridu jiġu rrapportati f'konformità mal-metodoloġiji stabbiliti fil-Konvenzjoni dwar l-Arja.

Id-Direttiva tirrikjedi li l-Istati Membri jadottaw programm nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-Arja (national air pollution control programme, NAPCP), li huwa strument ta' governanza ċentrali li jippermettilhom jiftehmu u jikkoordinaw dwar politiki u miżuri biex jissodisfaw l-impenji nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet. Barra minn hekk, id-Direttiva tirrikjedi li l-Istati Membri jimmonitorjaw l-impatti negattivi tat-tniġġis fl-arja fuq l-ekosistemi.

Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati biex temenda d-Direttiva biex l-Annessi I, III il-Parti 2, IV u V tagħha jiġu addattati għall-progress tekniku jew xjentifiku jew għall-iżviluppi fi ħdan il-Konvenzjoni dwar l-Arja.

L-Artikolu 6(8) tad-Direttiva jistabbilixxi li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li taddatta l-Parti 2 tal-Anness III għall-iżviluppi, fost dawn il-progress tekniku, fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar l-Arja. L-Anness III il-Parti 2 tistabbilixxi l-miżuri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, fosthom

---

<sup>1</sup> COM/2021/400 final.

<sup>2</sup> [Il-Protokoll tal-1999 għat-Tnaqqis tal-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrifikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku għall-Konvenzjoni dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja fuq Distanza Twila, kif emendat fl-4 ta' Mejju 2012 \(il-Protokoll emendat ta' Gothenburg\).](#)

<sup>3</sup> [Il-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Fuq Distanza Twila \(Konvenzjoni dwar l-Arja\).](#)

referenzi għall-Kodiċi Qafas tal-UNECE għal Prattika Agrikola Tajba għat-Tnaqqis tal-Emissjonijiet tal-Ammonja tal-2014 u l-gwida dwar il-baġits tan-nitroġenu tal-UNECE, li se jitqiesu għall-inklużjoni fil-programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja.

L-Artikolu 8(7) tad-Direttiva jistipula li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li taddatta l-Anness I u l-Anness IV għall-iżviluppi, fosthom il-progress tekniku u xjentifiku, fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar l-Arja. L-Anness I jistabbilixxi l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa li l-Istati Membri jridu jimmonitorjaw u r-rekwiżiti ta' rapportar korrispondenti li huma fil-biċċa l-kbira allinjati mar-rekwiżiti skont il-Konvenzjoni dwar l-Arja. L-Anness IV jistabbilixxi l-metodoloġiji li jridu jintużaw għat-tħejjija tal-inventarji u l-projezzjonijiet nazzjonali tal-emissjonijiet, għar-rapporti tal-inventarji informativi u għall-inventarji nazzjonali tal-emissjonijiet aġġustati.

L-Artikolu 9(3) tad-Direttiva jistipula li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li taddatta l-Anness V dwar l-indikaturi fakultattivi għall-monitoraġġ tal-impatti tat-tniġġis fl-arja fuq l-ekosistemi, għall-progress tekniku u xjentifiku u għall-iżviluppi fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar l-Arja.

## **2. Bażi legali**

L-Artikolu 16(2) tad-Direttiva (UE) 2016/2284 jistipula li l-Kummissjoni trid tirrapporta dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikoli 6(8), 8(7) u 9(3).

Skont din id-dispożizzjoni, is-setgħa li tadotta l-atti delegati tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mill-31 ta' Diċembru 2016, u tiġi estiża awtomatikament għal perjodu ta' żmien identiku, sakemm ma jkunx hemm oppożizzjoni għall-estensjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill, li trid issir mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' dak il-perjodu.

Il-Kummissjoni ppreżentat l-ewwel rapport dwar id-delega tas-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 tad-Direttiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill<sup>(4)</sup> fl-2021. Sussegwentement, id-delega tas-setgħa ġiet estiża b'mod taċitu għal ħames snin oħra sal-31 ta' Diċembru 2026.

## **3. Eżerċizzju tad-delega**

Tqies neċessarju li tingħata din is-setgħa biex jiġu kkomplementati jew addattati d-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Annessi I, III il-Parti 2, IV u V tad-Direttiva biex jitqies il-progress tekniku u xjentifiku jew l-iżviluppi fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar l-Arja. Il-Kummissjoni adottat:

---

<sup>4</sup> COM(2021) 451 final.

- **Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2024/299 dwar il-metodoloġija għar-rapportar tal-emissjonijiet projettati ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi<sup>(5)</sup>** abbażi tal-Artikolu 8(7) tad-Direttiva.

Din id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni temenda l-Annessi I u IV tad-Direttiva biex tallinja mal-livell oġġla ta' dettall għar-rapportar tal-projezzjonijiet tal-emissjonijiet meħtieġa mil-Linji Gwida għar-Rapportar tad-Data dwar l-Emissjonijiet u l-Projezzjonijiet skont il-Konvenzjoni dwar it-Tniġġis Transkonfinali tal-Arja fuq Distanza Twila kif riveduta mill-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni dwar l-Arja fit-42 sessjoni tagħha, mit-12 sas-16 ta' Diċembru 2022<sup>(6)</sup><sup>(7)</sup>.

Ir-reviżjoni li għaddejja tal-Protokoll ta' Gothenburg għall-Konvenzjoni dwar l-Arja u tad-Dokument ta' Gwida dwar l-Ammonijaka<sup>(8)</sup> tal-UNECE tista' twassal għal ħtiġijiet addizzjonali biex l-annessi tad-Direttiva jiġu adattati għall-bidliet fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar l-Arja<sup>(9)</sup>.

#### **4. Konklużjoni**

Il-Kummissjoni eżerċitat is-setgħat delegati mogħtija lilha skont id-Direttiva (UE) 2016/2284 darba mid-dħul fis-seħħ tagħha fl-31 ta' Diċembru 2016, biex tadotta d-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2024/299.

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li jenħtieġ li jinżammu d-delegi kollha ta' setgħa, peress li fil-futur jistgħu jkunu meħtieġa addattamenti tal-Annessi I, III il-Parti 2, IV u V għall-progress tekniku u xjentifiku jew għall-iżviluppi fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar l-Arja.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jieħdu nota ta' dan ir-rapport.

---

<sup>5</sup> [Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni \(UE\) 2024/299 tas-27 ta' Ottubru 2023 li temenda d-Direttiva \(UE\) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-metodoloġija għar-rapportar tal-emissjonijiet projettati ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi](#), ĠU L, 17.1.2024, p.1.

<sup>6</sup> [https://unece.org/sites/default/files/2022-08/ECE\\_EB.AIR\\_GE.1\\_2022\\_20-2210473E.pdf](https://unece.org/sites/default/files/2022-08/ECE_EB.AIR_GE.1_2022_20-2210473E.pdf)

<sup>7</sup> [https://unece.org/sites/default/files/2023-06/Revised\\_Decision%202022\\_1%20%28E%29.pdf](https://unece.org/sites/default/files/2023-06/Revised_Decision%202022_1%20%28E%29.pdf)

<sup>8</sup> [ECE/EB.AIR/120](#)

<sup>9</sup> [ECE/EB.AIR/154](#)